# *Il-Kappella tal-Lunzjata f'Ħal Millieri* (Żurrieq)

Mitlufa qalb ir-raba fil-limiti taż-Żurrieq, nsibu waħda mill-iktar kappelli medjevali importanti li nsibu fil-gżejjer tagħna. Din il-kappella hi ddedikata lil-Lunzjata, li tinsab fl-inħawi li qabel kienu magħrufin bħala Ħal Millieri.

## Ħal Millieri

Ħal Millieri kien raħal li kien jinstab fin-naħa t'isfel ta' Malta, bejn l-irħula taż-Żurrieq, l-Imqabba, l-Qrendi u ħal Kirkop. Jidher li dan ir-raħal hu antik ħafna u jmur lura għal żmien ir-Rumani. Ħal Millieri kien jikkonsisti f'erba' knejjes dawk li għadna naraw sal-lum tal-Lunzjata, ta' San Ġwann Evanġelista u tnejn l-oħra li spiċċaw, dik tal-Viżitazzjoni u l-oħra ta' San Mikiel.

## Oriġini

L-kappella dedikata lil-Lunzjata bla dubju hi l-iktar waħda importanti mit-tnejn li għadna naraw. L-ewwel kappella li nbniet f'dan il-post tmur lura sas-seklu 13 u mill-iskavi li saru jidher li kellha l-istess qies ta' dik li naraw llum. Il-kappella li naraw illum jidher li nbniet lejn l-aħħar tas-seklu ħmistax għall-ħabta tas-sena 1480. L-ewwel deskrizzjoni ta' din il-kappella ngħatat mid-delegat appostoliku Monsinjur Pietro Dusina fiż-żjara tiegħu f'Ħal Millieri fl-1575. Iktar tard fl-1781 fiż-żjara tiegħu l-Isqof Labini sabha fi stat ħażin u pprofana. Ftit taż-żmien wara, fil-bidu tas-seklu dsatax ċertu Ġuze Magro, miż-Żurrieq irranġaha u għammarha bl-affarjiet meħtieġa biex din reġgħet ġiet mbierka fl-1809.

## Il-Knisja minn barra u minn ġewwa

Minn barra l-knisja għandha stil sempliċi forma ta' kaxxa, m'għandiex tieqa jew l-oculus, li naraw f'ħafna mill-kappelli. Għandha kampnar fejn fil-passat kien hemm qanpiena mdendla. Fuq il-bieb tal-knisja, li fl-antik kien b'forma ta' arkata naraw gwarniċa skolpita.

L-knisja minn ġewwa tikkonsisti f'erbgħa arkati li fin-nofs ġejjin għall-ponta, li huma ta' still sikulo-normann. Dawn l-arkati, jibqgħu neżlin sa l-art. L-aħħar arkata li twassal għal artal, jew l-apside għad għandha jidhru fejn kien hemm il-grada jew kif inhi magħrufa aħjar "iconostasis", li kienet tifred il-parti ta' l-artal, mill-kumplament tal-knisja. L-art ta' din il-knisja hija taċ-ċangatura u bejn l-arkati nsibu id-dukkieni, jew bankijiet tal-ġebel, fejn wieħed seta' joqgħod bil-qegħda.

## Oqbra fil-Knisja

Jidher li minn dejjem kien isir id-dfin f'din il-knisja; anki fl-ewwel knisja għax quddiem l-artal taħt iċ-ċangatura nstab qabar ta' tfajla ta' sittax il-sena, mat-tarbija tagħha. Fil-knisja li naraw llum ukoll nstabu ħafna oqbra. Fuq in-naħa tal-lemin int u dieħel fil-knisja nsibu osswarju, li kien jilqa' fih ħafna għadam minn diversi oqbra.

## L-affreski

Din il-knisja l-iktar li hi magħrufa minħabba l-11 il-affresk li naraw fiha. Dawn l-affreski uniċi tal-ħmistax il-seklu, li nsibu f'din il-knisja jidher li ġew riprodotti minn artist, li reġa' pitter replika ta' dak li kien hemm fil-knisja ta' qabilha. Dan jikkonfermah il-fatt li l-qaddisin irrafigurati fl-affreski jirrapreżentaw qaddisin tal-kult Grieg biżantin, li l-qima lejhom kienet iktar komuni fis-seklu tlettax. Dawn l-affreski jinsabu bejn l-arkati fuq iż-żewġ naħat tal-ħitan tal-knisja.

L-qaddisin rrafigurati fl-affreski huma kollha mpittrin bil-wieqfa, u kollha bi ktieb f'idejhom. Ħafna minnhom qegħdin b'idhom mgħollija li tirrapreżenta sinjal ta' benedizzjoni. L-affreski ma fihomx simboli, imma kollha juru l-isem tal-qaddis b'kitba tal-ħmistax il-seklu. Dawn l-affreski kienu nkixfu għal kollox fir-restawr tal-knisja li kien sar fis-snin sebgħin.

## Ir-Restawr tal-Knisja

Sa qabel is-snin sittin, din il-knisja li kienet qed tintuża bħala maħżen għall-għalf tal-bhejjem, kienet waslet fi stat imminenti li tiġġarraf. Kien f'dan iż-żmien li l-knisja ġiet mgħoddija "in trust" lil għaqda non-governattiva "Din l-Art Ħelwa", biex tiġi restawrata. Minnha nħarġu iktar minn erbatax trakk żibel.

L-iktar ħaġa importanti fil-proċess ta' restawr kienet bla dubju meta tnaddfet il-knisja u ġew restawrati l-affreski uniċi li għadna nistgħu ngawdu sal-lum. Il-Professoressa Paola Zanolini irrestawrat dawn l-affreski fl-1974. Filkas ta' tnejn minnhom dawn ġew maqlugħin għal kollox minn mal-ħajt, biex imbagħad tpoġġew mill-ġdid fuq panew.

Il-Knisja tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna. Il-knisja tinfetaħ kull l-ewwel ħadd tax-xahar bejn id-9am u 12pm. Il-festa tal-Lunzjata f'din il-knisja din is-sena ser issir il-Ħadd 30 ta' Marzu, fejn tiġi ċċelebrata quddiesa fl-10.00am, bil-knisja armata għal okkażżjoni.











# JOE PACE K3 CO. LTD.

**Internal & external plastering and interior & exterior decorations**



▲ *Radisson SAS Golden Sands Resort & Spa*





*Swieqi Apartments* ▲

BT1, BT2, Bulebel Industrial Estate
18, Cardinal Sciberras Street, Qormi
Tel: 21486597, 21693633
Fax: 21691796 Mob: 99453147, 99492749
e-mail: k3paints@global.net.mt


# Kompetizzjoni

# *Mr Spacewise*

## Irbaħ Phone Mate

Mistoqsija: Fejn tinsab il-kappella tal-Lunzjata?

Isem ......................................................................

Indirizz ..................................................................

Ir-rebbieħ: Roberta Zammit, 29 Briffa Flats 4,
St. Edward Str, Paula - PLA 1441

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom lil:-
Kompetizzjoni Madwarna Magazine, l-orizzont,
Union Press, A1, Marsa Industrial Estate, Marsa LQA 06
Żmien biex twieġbu sal-15 ta' Marzu 2008.

L-ewwel twegiba tajba li titla' bix-xorti tkun intitolata ghall-premju, wara li r-rebbieh iwiegeb tajjeb ghal mistoqsija li ssirlu bit-telefon.


**Paul Target**
Commercial Street, Qormi, manifatturi ta' ghamara ta' sahha, sbuhija u eleganza.